MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 61/2014

Il-Pulizija

vs

**Joseph Mifsud**

iben Anthony , imwieled Birkirkara, fid-19 ta' Lulju, 1955, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 503455(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Joseph Mifsud quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli għax-xahar ta' Ġunju 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Maria Elena Mifsud u/jew lil uliedu s-somma fix-xahar ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għalija u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skont dak l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Frar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati skont l-akkuza dedotta u ghaldaqstant ikkundannatu piena ta' gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Mifsud minnu pprezentat fl-20 ta' Frar, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-umli appell u tirrevoka, tikkanċella u tħassar is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Joseph Mifsud" fis-17 ta' Frar 2014, u minflok tillibera lill-esponenti minn kull ħtija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi mill-provi prodotti fl-ewwel istanza, kellha tirriżulta fondata d-difiża ta' l-esponenti li *nemo tenetur ad impossibilia*, u għalhekk l-esponenti kellu jiġi liberat mill-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu.

Illi kif diġa' rilevat fl-espożizzjoni tal-fatti, l-esponenti huwa afflitt minn inkapaċita' fiżika u medika li jattendi lura għall-okkupazzjoni tiegħu bħala ħaddiem tax-xatt. Din l-inkapaċita' ġiet konfermata anke mill-espert mediku maħtur mill-Qorti Ċivili appożitament.

Illi r-retta alimentari *pendente lite* li l-esponenti ġie ordnat iħallas ġiet fil-fatt komputata abbażi tal-premessa li l-esponenti kien ħaddiem tax-xatt, u li għalhekk kien jiġġenera ċertu introjtu. Din il-premessa llum m'għadhiex applikabbli, tant li anke l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ħasset il-ħtieġa li b'digriet tal-5 ta' Novembru 2013, tissospendi l-effetti tad-digriet li għall-ksur tiegħu jinsab mixli l-esponenti. L-istess Qorti Ċivili finalment iddekretat it-talba magħmula mill-esponenti bir-rikors tiegħu tal-25 ta' Lulju 2012 għall-varjazzjoni ta' l-istess digriet fit-30 ta' Jannar 2014, fejn laqgħet it-talba tiegħu u rriduċiet l-ammont dovut minnu bħala manteniment għal martu.

Abbażi ta' dawn ir-riżultanzi, li huma saħansitra korraborati minn espert mediku maħtur mill-Qorti, l-esponenti kellu jiġi liberat mill-akkuża dedotta kontra tiegħu, stante li huwa kien allura jinsab fl-impossibilita' li jottempora ruħu mad-digriet tal-5 ta' Mejju 2010.

Illi ġie awtorevolment ribadit li, "*Filwaqt illi din il-Qorti tirrikonoxxi illi d-difiża ta' mpossibilta' hija rikonoxxuta fis-sistema ġuridika tagħna, bħala regola ġenerali din id-difiża tista' tiġi mqajma biss jekk dak li jkun ma jkunx poġġa ruħu volontarjament fl-impossibilta' fiżika illi jottempra ruħu mal-Liġi. Quindi jekk is-sitwazzjoni tkun ta' "self inflected impossibility" din id-difiża ma tistax treġġi*" (**Il-Pulizija vs. Christopher Gauci**, Appell Kriminali, 24/1/2013).

Illi l-każ odjern ma jirrigwardax "self-inflicted impossibility". L-impossibilita' nvokata mill-esponenti hija dovuta u naxxenti purament u esklussivament minn raġunijiet mediċi li ġew

pożittivament ippruvati, kif diġa’ suespost. Kien proprju għalhekk li l-esponenti ma setax jibqa’ jattendi għax-xogħol u kellu joħroġ bis-*sick leave*, bil-konsegwenza li l-introjtu tiegħu naqas drastikament minn dak li kien jipperċepixxi qabel.

Illi l-esponenti huwa konsapevoli li l-istregwa tal-ġurisprudenza tgħallimna li f’każijiet li jirrigwardaw il-kontravvenzjoni li dwarha ġie mixli l-esponenti, din id-difiża diffiċilment tista’ tirnexxi, għaliex l-imputat li ma jistax jibqa’ jħallas għandu jadixxi fi żmien utli lill-Qrati Ċivili għall-varjazzjoni fl-ammont tal-manteniment dovut. Jekk l-imputat ma jagħmilx dan, mela allura jkun hemm element ta’ nuqqas da parti tiegħu li ma tippermettix is-suċċess tad-difiża ta’ *nemo tenetur ad impossibilia*. L-esponenti jaqbel ma’ din il-ġurisprudenza, iżda umilment jissottometti li l-każ tiegħu huwa mibni fuq ċirkostanzi differenti li anzi jiġġustifikaw is-suċċess ta’ din id-difiża. Dan għaliex l-esponenti adixxa lill-Qrati Ċivili sa minn Lulju tas-sena 2012 biex jiġi varjat l-ammont ta’ manteniment pagabbli minnu, u l-istess rikors ġie deċiż definittivament biss fit-30 ta’ Jannar 2014, u ċioe’ aktar minn tmintax-il xahar wara. Għalhekk l-esponenti wettaq id-dmir tiegħu li jitlob il-varjazzjoni tad-digriet fi żmien utli ferm, u ċioe’ xhur sħaħ qabel ma seħħew il-fatti mertu ta’ din il-kawża. Għalhekk ma jistax jingħad li qabel ma seħħew tali fatti, l-esponenti naqas minn xi dmir tiegħu li jazzjona lill-Qrati għar-rimedju, u għalhekk ukoll tkompli tissaħħaħ it-teżi ta’ l-esponenti li l-impossibilita’ minnu lamentata hija dovuta għal ċirkostanzi li huma assolutament indipendenti u awtonomi mill-volonta’ ta’ l-istess esponenti.

Illi bla preġudizzju għall-premess, it-tieni aggravju ta’ l-esponenti huwa ċar u manifest, in kwantu l-piena inflitta mill-Onorabbli Qorti ta’ l-ewwel istanza hija waħda eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ ta’ l-esponenti.

Illi l-esponenti umilment iħoss illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-ewwel istanza ma kkunsidratx sew iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ ta’ l-esponenti, liema ċirkostanzi kellhom jimmilitaw favur piena inqas oneruża fuqu, u liema ċirkostanzi jikkonsistu fis-segwenti:

(a) il-fatt illi mill-ammont kumplessiv ta’ €935 dovut mill-esponenti bħala manteniment għaż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni, l-esponenti ħallas puntwalment aktar min-nofs tas-somma dovuta, u għalhekk dan mhux każ li l-esponenti ma ħallas xejn lil martu;

(b) il-fatt li l-esponenti m’għadux jipperċepixxi l-introjtu li kien jipperċepixxi fil-passat, u dan stante problemi ta’ saħħa li bihom huwa afflitt l-esponenti u li jwaqqfuh milli jiffunzjona fl-okkupazzjoni tiegħu ta’ ħaddiem tax-xatt, liema okkupazzjoni hija waħda ta’ strapazz u li tinneċessita ċertu integrita’ fiżika fil-ħaddiem *de quo*. Din l-inkapaċita’ ta’ l-esponenti irriżultat ippruvata sodisfaċentement, tant illi ġiet

konstatata u kkonfermata minn espert mediku maħtur appożitament mill-Qorti Ċivili, u għalhekk anke jekk *datum sed non concessum* li din l-inkapaċita' ma kellhiex isservi għad-difiża ta' *nemo tenetur tad impossibilia,* ċertament li kellha titqies favorevolment bħala skużanti u ċirkustanza estenwanti fir-rigward tal-piena li kellha tiġi erogata mill-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza.

Illi l-esponenti qed jagħmel minn kollox biex iħallas il-manteniment lil martu kif ordnat, iżda minħabba t-tnaqqis fl-introjtu tiegħu, huwa waqa' f'arretrati. L-esponenti qiegħed għalhekk jagħmel minn kollox biex jaqta' dawn l-arretrati, kif jidher ukoll minn diversi deċiżjonijiet diġa' mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti fejn il-piena ta' detenzjoni ġiet kommutata għal piena inqas oneruża, proprju għaliex dina l-Onorabbli Qorti sabet illi l-esponenti kien jimmerita tali riduzzjoni fil-piena.
Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014 jirrizulta li l-partijiet infurmaw lill-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Illi l-aggravju tal-appellant jirrigwarda l-meritu kif ukoll il-piena erogata mill-ewwel Qorti.

Illi in vista tad-dikjarazjoni hawn fuq imsemmija din il-Qorti mhix qed tilqa l-aggravju fuq il-meritu.

Illi dwar l-aggravju ta' l-erogazzjoni tal-piena din il-Qorti ser tilqa' l-appell.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata dwar il-htija tal-appellant. Dwar l-erogazzjoni tal-piena mill-ewwel Qorti, din il-Qorti qed thassar u tirrevoka l-piena nflitta mill-ewwel Qorti u minflok tillibera lill-appellant taht il-provedimenti tal-

artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------